MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIO MERCIECA**

Seduta tal-15 ta' Gunju, 2006

Talba Numru. 106/2003

**The General Soft Drinks Co. Ltd**

**vs**

**Micallef Paul u b'digtiet tat-30 ta' Settembru 2004 gie nominat l-Avukat Dr. Chris Said kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-imsiefer Paul Micallef u b'digriet tal-10 ta' Dicembru 2004 gie kjamat in kawza Richard Azzopardi**

It-Tribunal

Ra l-avviz tat-talba li jghid hekk:

"Il-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tmienja u ghoxrin lira 70 centezmu, bilanc minn somma akbar, ghall-provvista ta' minerali fil-bar tal-kazin tal-football ta' Sannat li kien qed jigi gestit mill-konvenut.

Bl-imghax legali mid-data tal-fatturi sad-data tal-hlas effettiv.

Bl-ispejjez tal-ittra interpellatorja tal-14 ta’ Lulju 2003”

Ra r-risposta tal-konvenut:

1) “It-talbiet tas-socjeta’ attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt stante illi l-konvenut qatt ma kellu l-gestjoni tal-bar tal-kazin tal-football ta’ Sannat f’idejh
2) Salvi eccezzjonijiet ohra fid-dritt u fil-fatt.”

Ra r-risposta tal-kjamat fil-kawza Richard Azzopardi ta’ “Sweethaven”, Dun Luqa Street, Sannat, Ghawdex, bil-karta ta’ l-identita’ numru 13769g.

Illi preliminarjament il-pretensjonijiet attrici huma preskritti fil-konfront ta’ l-eccipjenti ai termini ta’ l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta’ Malta.

Illi fil-mertu l-pretensjonijiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt.
Illi l-eccipjenti qatt ma kellu l-ebda konnessjoni kwalsiasi mal-kazin tal-futbol ta’ Sannat u inqast qatt iggestieh.

Illi l-uniku kazin li kellu konnessjoni mieghu l-eccipjenti kien il-kazin tal-banda ta’ Sannat li jinsab bibien ‘il boghod mill-kazin tal-futbol. Ghalkemm dan il-bar tal-kazin kien f’isem l-esponenti, il-koncezzjoni relattiva giet mghoddija favur Paul Micallef b’effett minn Frar 2003. Kwalunkwe ftehim li seta’ sar mas-socjeta’ attrici minn Paul Micallef sar unikament ghan-nom personali tieghu u fuq responsabilita’ tieghu.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Jirrizulta li fil-kirja tal-bar li saret mas-socjeta’ Muzikali (mhux tal-futbol kif erronjament indikat fl-avviz tat-talba) Santa Margerita tas-Sannat, Ghawdex, l-kjamat fil-kawza kien biss prestanome ghall-konvenut. Kien il-konvenut li fil-fatt kien jiggestixxi l-bar meta saret il-konsenja. Difatti,

l-invoice tas-socjeta’ attrici inharget f’isem il-konvenut u l-konsenja saret lilu.

U billi jirrizulta mill-provi mressqa li l-kreditu pretiz mis-socjeta’ attrici huwa tabilhaqq dovut mill-konvenut

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jillibera lill-kjamat fil-kawza mill-osservanza tal-gudizzju, u konsegwentement it-Tribunal jastjeni milli jikkunsidra l-eccezzjonijiet l-ohrajn minnu mressqa filwaqt li jilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici fil-konfront tal-konvenut billi jikkundannah ihallasha s-somma ta’ LM428.70 bilanc minn somma ikbar dovuta ghal provvista ta’ xorb minerali lilu mibjugha u kkunsinnata mill-istess socjeta’ bl-imghax legali mid-dati tal-konsenji sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja tal-14 ta’ Lulju 2003 kif ukoll dawk tal-imsejjah fil-kawza a kariku tal-konvenut .

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------